



Brussell, 20 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8979/21

RECH 232

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġeneral tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 19 ta' Mejju 2021

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġeneral tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2021) 252 final

Suġġett: KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni *L-istratgeġja tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel*

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 252 final.

Mehmuż: COM(2021) 252 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.5.2021
COM(2021) 252 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel

L-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel

1. INTRODUZZJONI

Il-mobilizzazzjoni tar-riċerkaturi u tal-innovaturi tad-dinja se tkun kruċjali għall-benesseri taċ-ċittadini u tal-ġenerazzjonijiet futuri. Irridu nikkooperaw bejn il-fruntieri fuq skala li qatt ma rajna bħalha qabel biex niżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi ħalli nwettqu tranżizzjonijiet ekoloġiċi u digħiġi biss f'konformità mal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli¹ u biex nippromwovu r-reżiljenza, il-prosperitā, il-kompetittivitā u l-benesseri ekonomiku u soċjali tal-Ewropa.

Permezz tal-politiki u tal-programmi tagħha, l-UE hija katalizzatur ewleni għall-internazzjonalizzazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni². It-trasparenza reċiproka, l-iskambju ħieles ta' ideat u l-ħolqien konġunt ta' soluzzjonijiet huma essenzjali għall-insegwiment u għall-avvanz ta' għarfien fundamentali u huma komponenti ewlenin ta' ekosistema tal-innovazzjoni ħajja.

Madankollu, it-trasparenza fil-kooperazzjoni li tikkaratterizza l-azzjoni tal-UE qed isseħħ f'ambjent globali ttrasformat. Setgħat fix-xjenza ewlenin oħrajin issa qed jonfqu aktar fuq ix-xjenza mill-UE bħala perċentwal tal-prodott domestiku gross, it-tensionijiet ġeopolitiċi qed jiżdiedu u d-drittijiet tal-bniedem u l-valuri fundamentali bħal-libertà akademika qed jiġu sfidati. Xi pajiżi qegħdin ifittxu dejjem aktar tmexxija teknoloġika permezz ta' miżuri diskriminatory, u ta' spiss jiinstrumentalizzaw ir-riċerka u l-innovazzjoni għall-influwenza globali u għall-kontroll soċjali. Il-prosperitā u l-kompetittivitā ekonomika tal-UE, iżda wkoll il-kapaċitā tagħha li tagħmel għad-dispożizzjoni b'mod awtonomu taċ-ċittadini tagħha u li tipprovdilhom teknoloġiji u servizzi kruċjali li huma sikuri u siguri jridu jissaħħu.

B'reazzjoni għax-xejriet globali attwali, l-UE jenħtieġ li tmexxi bl-eżempju billi tippromwovi l-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli³ u tfitħex it-trasparenza reċiproka fil-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġi ffaċilitati r-risponsi globali għall-isfidi globali u l-iskambju tal-aħjar prattiki. Hija jenħtieġ li tappoġġa l-objettivi tagħha ta' awtonomija strateġika miftuħha billi⁴, b'mod parallel, timmodula l-kooperazzjoni bilaterali tagħha ma' pajiżi terzi f'ċerti oqsma.

B'din il-Komunikazzjoni, għalhekk, il-Kummissjoni tippreżenta strateġija ġdida li:

¹ <https://www.undp.org/content/undp/en/home/sustainable-development-goals.html>

² *Intejbu u niffukaw il-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni: Approċċ strateġiku* (COM/2012/497); ara wkoll 2014 (COM(2014) 567), 2016 (COM(2016) 657) u 2018 (SWD(2018) 307, l-Anness 10), rapporti dwar l-implementazzjoni tal-istrateġija għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni.

³ *It-tišiħiħ tal-kontribut tal-UE għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli* (JOIN(2021)3).

⁴ Perspettiva fit-tul u trasversali dwar it-tišiħiħ tal-awtonomija strateġika miftuħha tal-Ewropa se tiġi pprovdu wkoll mir-Rapport dwar il-Prospettiva Strateġika tal-Kummissjoni għall-2021.

- tafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE li tmexxi bl-eżempju biex tippreserva t-trasparenza fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tippromwovi kundizzjonijiet ekwi u reċiproċità mirfuda minn valuri fundamentali;
- issaħħaħ ir-rwol ewlieni tal-UE fl-appoġġ ta' sħubijiet multilaterali għar-riċerka u l-innovazzjoni biex tippovdi soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi ekoloġiċi, diġitali, tas-saħħa, soċjali u tal-innovazzjoni.

Dan l-approċċ globali jenħtieġ li jiġi implantat permezz ta':

- il-modulazzjoni tal-kooperazzjoni bilaterali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni biex issir kompatibbli mal-interessi u mal-valuri Ewropej u biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE;
- il-mobilizzazzjoni tax-xjenza, tat-teknoloġija u l-innovazzjoni biex jiġi aċċellerat l-iżvilupp sostenibbli u inklużiv, u t-tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji reżiljenti u bbażati fuq l-għarfien f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju; kif ukoll
- inizjattivi mfassla fuq approċċ ta' Tim Ewropa, li jikkombinaw azzjonijiet mill-UE, l-istituzzjonijiet finanzjarji tagħha u l-Istati Membri biex jimmassimizzaw l-effettività u l-impatt tal-azzjonijiet.

Hija se sservi wkoll ta' gwida fl-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-programm il-ġdid tal-UE għar-riċerka u għall-innovazzjoni ċivili, Orizzont Ewropa, u s-sinerġi tiegħu ma' programmi oħrajn tal-UE, b'mod partikolari l-Instrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali.

2. L-AFFERMAZZJONI MILL-ĠDID TAL-IMPENN TAL-UE LEJN TRASPARENZA INTERNAZZJONALI U VALURI FUNDAMENTALI FIR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Sabiex tippromwovi t-trasparenza globali u l-iskambju xjentifiku, l-UE jenħtieġ li tagħti spinta lill-attraenza tagħha bħala ċentru ta' kwalità għolja u ta' intensità għolja tar-riċerka u l-innovazzjoni. Ir-riċerka xjentifika tirnexxi grazzi għal-libertà tal-ħsieb, għall-iżvilupp ta' moħħ kritiku, għall-argumentazzjoni bbażata fuq l-evidenza u għar-rifjut tal-argument tal-awtorità. Għalhekk, l-UE jenħtieġ li tkompli toffri lir-riċerkaturi u lill-innovaturi ambient demokratiku, inklużiv u ta' appoġġ, mingħajr interferenza politika, tiddefendi l-libertà akademika u l-opportunità għal riċerka xprunata mill-kurżitā, skont ir-rispett u l-protezzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Hija jenħtieġ li tiżgura li t-teknoloġija tīgħi żviluppata għall-benefiċċju tal-individwi u tas-soċjetajiet, tkun ħiesa minn awtoritarjaniżmu u tirrispetta standards etiċi għoljin u d-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, l-UE jenħtieġ li tmexxi bl-eżempju billi toffri ekosistema tal-innovazzjoni bbażata fuq ir-regoli, u tipproteġi d-drittijiet tal-proprietà intellettuali infurzati minn sistema ġudizzjarja indipendenti. Il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali jenħtieġ li jikkontribwixxu għat-trasferiment, għall-promozzjoni u għat-tixrid tal-innovazzjoni teknoloġika b'mod li jwassal għall-benesseri soċjali u ekonomiku.

Fl-istess ħin, biex jissaħħu l-ktajjen ta' valur tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni fuq perjodu ta' żmien twil, l-UE jenħtieġ li tinkoraġġixxi lir-riċerkaturi u lill-innovaturi tagħha

jikkontribwixxu għall-ekosistemi globali tal-innovazzjoni u jibbenefikaw minnhom. Jenħtieġ ukoll li tippromwovi aktar il-kooperazzjoni fl-iżvilupp tal-kapital uman, permezz tat-taħriġ u tal-mobilità tar-riċerkaturi, b'mod partikolari permezz tal-azzjonijiet Marie Skłodowska Curie⁵.

Sabiex iżomm dan ir-rwol ta' tmexxija, il-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni se jibqa' miftuħ għad-dinja. Dan ifisser li l-parteċipanti mid-dinja kollha, irrispettivament mill-post tal-istabbiliment jew tar-residenza tagħhom, se jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-biċċa l-kbira tal-programm Orizzont Ewropa. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-UE se tiffinanzja l-parteċipazzjoni f'azzjonijiet ta' Orizzont Ewropa mwettqa minn entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi b'introju baxx u medju biex tappoġġa l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tagħhom, f'sinerġija mal-Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali.

L-assoċjazzjoni tal-pajjiżi terzi ma' Orizzont Ewropa tippermetti liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet tagħhom jipparteċipaw fl-attivitajiet b'mod ġenerali bl-istess mod bħal dawk mill-Istati Membri tal-UE⁶. L-assoċjazzjoni ma' Orizzont Ewropa tippermetti lill-UE u lis-sħab tagħha jallinjaw l-għanijiet tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni, jghaqqu r-riżorsi, jaqsmu l-ispejjeż u jiksbu aċċess reċiproku għall-għarfien u l-ħila esperta, it-talenti u l-għarfien espert, għall-infrastruttura tar-riċerka u għal swiegħ ġodda għall-innovaturi. Bħala espressjoni tal-impenn tal-UE għal trasparenza internazzjonali, Orizzont Ewropa issa joffri l-possibbiltà li pajjiżi assoċjati, li jikkondividu l-valuri Ewropej u bi profil qawwi tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni, li jinsabu fi kwalunkwe parti tad-dinja, jiġu assoċjati mal-programm.

B'mod parallel, u biex jissaħħaħ ir-rwol tal-UE għal regoli u kooperazzjoni bbażata fuq il-valur billi tiġi żgurata l-konsistenza fost il-politiki esterni tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri, il-valuri u l-prinċipji sottostanti għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni se jiġu diskussi mas-ħab internazzjonali. Dawn id-diskussionijiet se jsiru b'mod partikolari fil-Forum taż-ŻER għat-Tranżizzjoni, parti miż-Żona Ewropea tar-Riċerka msahlha⁷ u ggwidata minn Patt Ewropew għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, ippreżżentat fl-2021.

L-UE jenħtieġ li taħdem għal fehim u implementazzjoni komuni tal-kwistjonijiet li ġejjin mas-ħab internazzjonali tagħha:

Il-libertà akademika. Il-libertà akademika, l-integrità u l-awtonomija istituzzjonali jiffurmaw is-sinsla tal-universitajiet u tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-UE. L-UE u

⁵ https://ec.europa.eu/research/mariecurieactions/node_en

⁶ Il-pajjiżi li qabel kienu assoċjati ma' Orizzont 2020 u li esprimew interessa fl-assoċjazzjoni ma' Orizzont Ewropa huma: in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, it-Turkija, il-Georgia, l-Armenja, l-Ukrajna, il-Moldova, it-Tuneżija, Iżrael, il-Gżejjjer Faeroe, l-Iżvizzera. Barra minn hekk, ir-Renju Unit se jkun assoċjat skont it-TCA, u l-Marokk u l-Kosovo* esprimew interessa fl-assoċjazzjoni.

⁷ ŻER ġidha għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2020) 628).

I-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jippromwov u jipproteġu dawn il-valuri fundamentali komuni fuq livell internazzjonali u jirrispettaw il-prinċipji tad-Dikjarazzjoni ta' Bonn dwar il-Libertà tar-Riċerka Xjentifika⁸ fir-rigward ta' pajjiżi terzi.

L-etika u l-integrità tar-riċerka. L-iżvilupp rapidu ta' teknoloġiji ġodda jeħtieġ evalwazzjoni kontinwa tal-aproċċi attwali biex jiġu indirizzati l-isfidi etiċi u tigiż-żgurata innovazzjoni teknoloġika ċċentratu fuq il-bniedem. L-UE jenħtieġ li tkompli tippromwovi fuq livell internazzjonali l-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Integrità tar-riċerka u l-Kodiċi ta' Kondotta Globali għar-Riċerka f'Ambjenti fejn hemm Nuqqas ta' Riżorsi. Hija se tespandi d-djalogi internazzjonali tagħha permezz ta' networks Ewropej dwar l-etika u l-integrità u se tappoġġa l-Konferenzi Dinjija dwar l-Integrità tar-ričerka⁹.

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diversità u l-inklużività. F'konformità mal-Istrateġja tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025¹⁰ u l-agħenda tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE¹¹, l-UE jenħtieġ li tintegra d-dimensjoni tal-ġeneru fil-kooperazzjoni internazzjonali. Permezz ta' djalogu ma' pajjiżi terzi, hija jenħtieġ li trawwem ukoll il-bilanċ bejn il-ġeneri u l-ugwaljanza, l-għoti tas-setgħa liż-żgħażaq, l-inklużività u d-diversità fis-sens usa'¹², fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell globali.

Data miftuħa u xjenza miftuħa. Li d-data tar-riċerka tkun kemm jista' jkun miftuħa, standardizzata u interoperabbli, ikun ta' beneficiju kemm għall-UE kif ukoll għad-din ja meta pajjiżi u reġjuni oħrajn jagħmlu l-istess. L-UE jenħtieġ li tkompli tappoġġa korpi u pjattaformi bħall-Alleanza tad-Data tar-riċerka u l-Kumitat għad-Data tal-Kunsill Internazzjonali għax-Xjenza, kif ukoll l-isforzi mill-OECD, min-NU u mill-G7. L-għan globali huwa li s-settijiet tad-data jkunu magħmulin ĠUSTI: ikunu rintraċċabbi, aċċessibbli, u riutilizzabbi. L-UE se tappoġġa wkoll is-sensibilizzazzjoni internazzjonali tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa.

L-istandards. Ir-rwol ewljeni tal-UE bħala dik li tistabbilixxi l-istandards globali jenħtieġ li wkoll jitmexxa 'l quddiem permezz ta' rwol akbar fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka prenormattiva u ta' standardizzazzjoni.

It-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza. L-UE u I-Istati Membri tagħha żviluppaw bħala prattikanti ewlenin fit-tfassil tal-politika infurmat mill-evidenza. Huma jenħtieġ li

⁸ https://www.bmbf.de/files/10_2_2_Bonn_Declaration_en_final.pdf

⁹ BI-involviment ta' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għax-Xjenza Edukattiva u l-Kultura.

¹⁰ *Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025* (COM/2020/152 final).

¹¹ https://ec.europa.eu/international-partnerships/system/files/swd_2020_284_en_final.pdf

¹² L-agħenda tal-politika tal-Unjoni tal-Ugwaljanza tal-UE lil hinn mill-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija stabbilita fl-istratgeġji u fl-oqfsa li ġejjin: Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 (COM(2020) 565 final); Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (COM(2020)698 final); Qafas strateġiku tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni (COM(2020) 620 final); Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030 (COM(2021) 101 final)

jikkondividu x-xjenza tagħhom stess għall-intuwiti u għall-esperjenzi tal-politika u jinvolvu ruħhom f'networks globali.

Barra minn hekk, enfasi aktar qawwija fuq ix-xjenza u t-teknoloġija fil-politiki barranin u ta' sigurtà tal-UE f'termini ta' “**Diplomazija dwar ix-Xjenza**” tgħin lill-UE biex tippreżenta setgħa ta' persważjoni u ssegwi l-interessi u l-valuri ekonomiċi tagħna b'mod aktar effettiv, tissodisfa d-domanda u l-interess minn pajjiżi sħab u tiffoka fuq is-setgħat tal-UE bħala ċentru tar-riċerka u tal-innovazzjoni.

Fl-2021, l-UE f'koordinazzjoni mal-Istati Membri fil-Forum taż-ŻER għat-Tranzizzjoni¹³, jenħtieġ li tiżviluppa prinċipji għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, u mbagħad tippromwovi l-prinċipji fi djalogu multilaterali ma' pajjiżi sħab u fora internazzjonali

3. L-IBBILANĊJAR MILL-ĠDID TAL-APPROĊĊ GLOBALI TAL-UE GĦAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI: LEJN KUNDIZZJONIJIET EKWIVALENTI TA' KOMPETIZZJONI U REĊIPROĊITÀ

L-isforzi tal-UE biex tippromwovi trasparenza reċiproka fil-livell globali jistgħu jiġu pperikolati minn tensjonijiet ġeopolitiċi fi żmien ta' trasformazzjoni ekonomika. Il-kompetizzjoni għat-tmexxija teknoloġika tixpruna lil ċerti pajjiżi terzi biex jadottaw miżuri restrittivi jew diskriminatorji li huma ingħusti għall-innovaturi, għall-kumpaniji u b'mod partikolari għan-negozji ġoddha tal-UE. Fl-istess ħin, l-interferenza barranja tista' tikkomprometti l-integrità u l-awtonomija li fuqhom huma mibnija s-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-UE.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-approċċ tal-UE jirrikjedi bbilanċjar mill-ġdid biex jiġu ssalvagwardjati aħjar l-interessi, il-valuri u l-għarfien espert tagħha, tingħata spinta lir-reżiljenza tagħha, filwaqt li tinżamm trasparenza wiesgħa għall-kooperazzjoni.

L-UE jenħtieġ li tippromwovi b'mod aktar assertiv kundizzjonijiet ekwi u reċiproċità biex jiġu rispettati l-valuri u l-prinċipji fundamentali, biex jiġi protett l-użu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista, u biex jiġu mhieggen ekosistemi ta' innovazzjoni ġusti mhux distorti minn regoli mhux xierqa jew minn sussidji barranin, f'konformità mar-regolament propost reċentelement biex tiġi indirizzata d-distorsjoni minn sussidji barranin u l-Istrateġija Industrijali aġġornata¹⁴. Il-miżuri jenħtieġ li jiffukaw fuq l-iffissar miftuħ ta' standards, sussidji tal-Istat mhux diskriminatorji u n-nuqqas ta' ligħejji protezzjonisti.

L-UE jenħtieġ li ssegwi dawn il-punti f'fora internazzjonali bħall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali. Hija jenħtieġ li tinnegozja wkoll direttament ma' pajjiżi terzi meta jkun meħtieġ, permezz tad-diversi djalogi u negozjati

¹³ ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2020) 628).

¹⁴ COM (2021) 223 final; COM (2021) 350 final.

li jsiru fl-ambitu ta' ftehimiet rilevanti, bħal ftehimiet ta' assoċjazzjoni fl-ambitu tal-programm qafas, ftehimiet dwar ix-xjenza u t-teknoloġija tal-UE¹⁵ ma' pajjiżi terzi, u ftehimiet kummerċjali u ta' investiment tal-UE, inkluż il-ftehim WTO TRIPS¹⁶.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni f'isem l-UE, beħsiebha tinnegozja pjanijiet direzzjonali mmirati għall-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni ma' pajjiżi terzi b'bażi qawwija ta' riċerka u innovazzjoni. Dawn il-pjanijiet direzzjonali, li se jkunu strumenti mhux vinkolanti, jenħtieġ li jistabbilixxu b'mod ċar il-kundizzjonijiet ta' qafas, li ż-żewġ naħat huma mistennija li jilħqu, u jidentifikaw l-istadji importanti u l-iskedi ta' żmien għall-implementazzjoni. L-UE jenħtieġ li tikkundizzjona kwalunkwe kontinwazzjoni u espansjoni futura ta' kooperazzjoni bilaterali dwar progress konkret, immonitorjat fil-post, lejn l-objettivi stabbiliti fil-pjanijiet direzzjonali.

Barra minn hekk, l-Artikolu 22(5) tar-Regolament Orizzont Ewropa jistipula li l-programm ta' ħidma jiusta' jillimita l-parteċipazzjoni f'azzjonijiet fl-ambitu tal-programm Orizzont Ewropa meta jkun hemm ħtieġa ġustifikata li jiġu salvagwardjati l-assi strategiči¹⁷, l-interessi¹⁸, l-awtonomija¹⁹ jew is-sigurtà²⁰ tal-UE. F'dawn iċ-ċirkostanzi eċċeżżjonali u ġustifikati, l-UE tista' tillimita l-parteċipazzjoni tal-programm għal entitajiet legali stabiliti biss fl-Istati Membri, jew għal entitajiet legali stabiliti f'pajjiżi assoċjati speċifikati jew pajjiżi terzi oħra. Il-programm ta' ħidma jiusta' jeskludi wkoll il-parteċipazzjoni ta' entitajiet għuridiċi stabiliti fl-Unjoni jew f'pajjiżi assoċjati kkontrollati direttament jew indirettament minn pajjiżi terzi mhux assoċjati.

Kwalunkwe limitazzjoni jenħtieġ li dejjem tīgħi applikata f'konformità mal-proċedura stabilita mil-leġiżlazzjoni tal-UE u b'rispett għall-impenji tal-UE fl-ambitu ta' ftehimiet internazzjonali. Din jenħtieġ li tkun eċċeżżjonali u debitament ġustifikata, u tippermetti bħala regola li l-programmi jibqgħu miftuħin.

Sabiex jiġi żgurat li l-UE u l-Istati Membri tagħha jallinjaw l-aproċċi tagħhom biex isegwu awtonomija strateġika miftuħa f'ċerti oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni billi jfasslu l-

¹⁵ Bħalissa jeżistu ftehimiet dwar ix-xjenza u t-teknoloġija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Alġerija, l-Argentyna, l-Australja, il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċili, iċ-Ċina, l-Eġittu, l-Indja, il-Ġappun, il-Ġordan, il-Korea, il-Messiku, il-Marokk, New Zealand, ir-Russja, l-Afrika t'Isfel, l-Iżvizzera, it-Tuneżija, l-Ukrajna u l-Istati Uniti tal-Amerika.

¹⁶ https://www.wto.org/english/tratop_e/trips_e/trips_e.htm

¹⁷ Pereżempju, l-infrastruttura sensittiva sjeda tal-UE, bħas-satelliti Galileo jew Copernicus, li t-tfixkil tagħhom ikollha impatt sinifikanti għall-UE minħabba n-nuqqas li jinżammu dawk il-funzjonijiet.

¹⁸ Il-kopertura tal-interessi offensivi u difensivi identifikati mill-UE fid-diversi komponenti tal-politika esterna tagħha, il-promozzjoni tad-drittijiet u tal-valuri fundamentali, jew il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprietà intellektwal.

¹⁹ Kif stabbilit fir-Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali, l-awtonomija strateġika miftuħa tinkludi (i) ir-reżiljenza u l-kompetiċċitvità biex tissaħħa l-ekonomija tal-UE; (ii) is-sostenibbiltà u l-ġustizzja, li jirriflettu l-ħtieġa ta' azzjoni responsabbi u ġusta tal-UE u (iii) l-assertività u l-kooperazzjoni bbażata fuq ir-regoli biex tintwera l-preferenza tal-UE għall-kooperazzjoni u għad-djalogu internazzjonali, iżda wkoll li hija lesta li tiġġieled kontra prattiki inġusti u tuża ghodaw awtonomi biex issegwi l-interessi tagħha fejn meħtieġ.

²⁰ Is-sigurtà Ewropea tinkludi, pereżempju, il-protezzjoni tal-UE kontra theddid estern jew intern u tkopri, pereżempju l-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika minn riskji sistemiċi u theddid ibridu bħall-infrastrutture tal-energijsa, id-data u n-networks, inkluż is-Sorveljanza u l-Insegwiment fl-Ispazju u l-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita.

kooperazzjoni internazzjonali tagħhom skont l-interessi tal-politika speċifiċi, il-Kummissjoni tiproponi l-konsultazzjoni mal-Istati Membri fil-fora xierqa.

B'mod parallel, bħala miżuri preventivi, il-Kummissjoni tiproponi li jsir użu xieraq mid-dispożizzjonijiet fl-ambitu tar-Regolament Orizzont Ewropa biex ikomplu jiġu mmitigati r-riskji għall-interessi tal-UE, bħal dawk dwar l-isfruttament tar-riżultati f'pajjiżi terzi mhux assoċjati (l-Artikolu 39(6)), dwar it-trasferiment tas-sjieda tar-riżultati (l-Artikolu 40(4)), jew dwar ftehimiet ta' sigurtà ma' pajjiżi terzi (l-Artikolu 20(1)).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta linji gwida dwar kif għandha tīgħi ttrattata l-interferenza barranija li hija mmirata lejn l-organizzazzjonijiet tar-riċerka tal-UE u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. Dawn il-linji gwida se jkollhom l-għan li jipproteġu l-valuri fundamentali billi jiissal vagwardjaw il-libertà akademika, l-integrità u l-awtonomija istituzzjonali, u jipproteġu lill-istudenti, lir-riċerkaturi u lill-innovaturi, u lis-sejbiet ewlenin tar-riċerka, minn atturi barranin koerċittivi, moħbijs, qarrieqa jew korrotti.

Il-Kummissjoni se tressaq ukoll kodiċi ta' prattika dwar l-użu intelliġenti tal-proprietà intellettuali²¹, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Proprietà Intellettuali²². L-għan se jkun li titqajjem kuxjenza fost l-universitajiet, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u n-negozji dwar l-importanza tal-ġestjoni tal-għarfien u tal-proprietà intellettuali f'ambjent internazzjonali.

Fl-aħħar nett, sabiex jiġi żgurat li l-UE tkun tista' tirreaġixxi għall-kriżijiet globali b'mod indipendenti u timmitiga r-riskji ta' dipendenza minn pajjiżi terzi fil-qasam tas-sigurtà ċivili, hija jenħtieġ li ssaħħa l-industrija tas-sigurtà ċivili tagħha permezz ta' approċċ ambizzjuż u mmexxi mill-kapaċċità għar-riċerka u l-innovazzjoni tas-sigurtà.

L-UE jenħtieġ li:

- tfitteż li taqbel fuq pjanijiet direzzjonali bilaterali mmirati ma' pajjiżi terzi sħab li jingħataw priorità u li għandhom bażi ta' riċerka u ta' innovazzjoni b'saħħitha, filwaqt li tistabbilixxi impenji konġunti għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' qafas biex jiġi żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-promozzjoni ta' valuri kondiviżi.

Il-Kummissjoni se:

- fl-2021, tiżviluppa u tippromwovi linji gwida dwar kif għandha tīgħi indirizzata l-interferenza barranija li fil-mira tagħha jkollha l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja tal-UE, u;

²¹ ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2020) 628).

²² Nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal innovattiv tal-UE Pjan ta' azzjoni għall-proprietà intellettuali b'appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE (COM(2020) 760).

4. L-AKKOMUNAMENT TAL-ISFORZI GLOBALI BIEX JIĠU INDIRIZZATI L-ISFIDI GLOBALI FLIMKIEN

Il-pandemija tal-COVID-19 tat tagħlima importanti lid-dinja li jenħtieġ li tīġi applikata bl-istess mod għat-tibdil fil-klima, il-kriżi tal-bijodiversità u sfidi globali oħrajn: hija esponiet inugwaljanzi fil-vulnerabbiltà tal-pajjiżi, uriet l-impossibbiltà li jkun hemm trażżeen fil-fruntieri nazzjonali, u wriet kemm il-ħtieġa kif ukoll il-potenzjal mhux sfruttat li naħdmu flimkien għall-ġid komuni. Il-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija toffri wkoll opportunità unika biex “nerġġu nibnu aħjar” bl-enfasi fuq is-sostenibbiltà fil-kuntest ta’ rkupru ekoloġiku.

Konsegwentement, l-UE, filwaqt li tibni fuq il-kooperazzjoni bbażata fuq il-valuri u fuq ir-regoli li tiproponi, jenħtieġ li tkompli tistinka biex iġġib lill-pajjiżi madwar id-dinja aktar qrib ta’ xulxin fi šhubijiet multilaterali għar-riċerka u l-innovazzjoni, iffukati fuq is-sejbien ta’ soluzzjonijiet għall-isfidi globali bħat-tibdil fil-klima, il-kriżi tal-bijodiversità, it-tnejx, it-naqqis tar-riżorsi, jew mard infettiv, inkluż f’sitwazzjonijiet ta’ krizi²³, filwaqt li tippermetti t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Is-ħubbijiet multilaterali għar-riċerka u l-innovazzjoni jenħtieġ li jkunu ispirati minn mudelli ta’ suċċess bħall-Alleanza tar-Riċerka tal-Ocean Trans-Atlantiku²⁴. L-alleanza hija r-riżultat ta’ sforzi ta’ diplomazija xjentifika li jlaqqgħu flimkien xjenzati, persuni li jfasslu l-politika, u partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati biex itejbu l-fehim u l-amministrazzjoni tal-Ocean Atlantiku. Filwaqt li jibnu fuq l-isforzi eżistenti jew permezz ta’ inizjattivi ġodda, is-ħubbijiet multilaterali jenħtieġ li jieħdu forom differenti skont l-enfasi u l-objettivi tagħhom. Dawn jistgħu jvarjaw minn arranġamenti informali bejn is-ħab biex jikkoordinaw l-investimenti indipendenti tagħhom f’oqsma ewlenin, permezz ta’ šhubijiet li jipprevedu l-ġbir flimkien ta’ riżorsi f’inizjattivi konġunti.

4.1 Tmxixja ta’ sforzi globali lejn tranżizzjoni ekoloġika ġusta

Bħala mexxejja globali impenjata li ssir l-ewwel blokk fid-dinja newtrali għall-klima sal-2050, l-UE se tkompli tmexxi l-isforzi internazzjonali u se tindirizza l-isfidi ambjentali b'mod konġunt mas-ħab internazzjonali tagħha, b'mod partikolari l-ekonomiji ewlenin tad-dinja u l-emittenti tal-gassijiet serra. Il-kooperazzjoni internazzjonali fix-xjenza klimatika u ambjentali hija kruċjali għas-sostenn tal-politiki infurmati bl-evidenza għall-indirizzar u għall-adattament għall-kriżijiet klimatiċi u tal-bijodiversità. Jenħtieġ li tiffoka wkoll fuq l-iżvilupp ta’ teknoloġija nadifa f’konformità mal-Ftehim ta’ Pariġi u l-Patt Ekoloġiku Ewropew, filwaqt li tirrispetta l-hekk imsejjaħ “prinċipju ta’ ebda ħsara sinifikanti”. Bħala kontribut għall-ilħuq ta’ dawn l-objettivi, l-orjentazzjonijiet strateġiċi ewlenin ta’ Orizzont Ewropa jinkludu azzjoni klimatika u tnaqqis tal-emissjonijiet, il-ġlied kontra d-degradazzjoni ambjentali, l-indirizzar tat-tnejx, il-promozzjoni ta’ ekonomija ċirkolari u tranżizzjoni ġusta. Dawn se jiġu segwiti

²³ L-azzjoni umanitarja tal-UE: sfidi ġodda, l-istess prinċipji COM(2021) 110.

²⁴ <https://allatlanticocean.org>.

permezz ta' suġġetti ta' riċerka u sħubijiet dedikati miftuħa għall-partċipazzjoni minn pajjiżi terzi.

Barra minn hekk, biex tiżgura t-tmexxija teknoloġika ekoloġika tagħha, l-UE jenħtieġ li ssegwi sħubijiet strateġiċi mal-mexxejja tat-teknoloġija u tikkoopera permezz ta' fora globali filwaqt li tappoġġa l-użu tal-istandard ekoloġiċi tal-UE fuq livell globali. Dan jenħtieġ li tagħmlu permezz ta' diversi proġetti u korpi, kif indikat hawn taħt.

L-Alleanza tar-Riċerka tal-Ocean Trans-Atlantiku. Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-baħar u jingħata kontribut attiv għal inizjattivi globali bħad-Deċennju tan-NU tax-Xjenza tal-Ocean għall-Iżvilupp Sostenibbli għal bejn l-2021 u l-2030, il-Kummissjoni se żżid l-appoġġ tal-UE lill-Alleanza tar-Riċerka tal-Ocean Trans-Atlantiku. B'mod parallel, ix-xjenza tal-Artiku se tibqa' wkoll prioritā għall-UE bħala eżempju ta' tmexxija globali.

Il-Missjoni Innovazzjoni²⁵. Din hija inizjattiva globali ta' 24 pajjiż u l-Unjoni Ewropea qed taħdem biex taċċellera l-innovazzjoni fl-enerġija nadifa, u b'hekk turi tmexxija globali fl-ambizzjoni tal-klima fis-COP26. Il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ l-impenn tal-UE għall-Missjoni Innovazzjoni billi twessa' l-kooperazzjoni ma' sħab ġodda, tallinja l-agħendi tar-riċerka, tibni fuq punti b'saħħiethom bħall-istrateġija għall-idrogenu²⁶ u ssaħħaħ ir-rabtiet bejn is-sħubijiet rilevanti ta' Orizzont Ewropa. F'dan ir-rigward, l-UE qed tmexxi b'mod konġunt il-valutazzjoni ta' "Missjoni tal-Idroġenu" mal-Australja, maċ-Ċil, mal-Ġermanja u mar-Renju Unit, li se titnieda fil-konferenza tal-Missjoni Innovazzjoni 2.0 f'Ġunju 2021.

Grupp dwar l-Osservazzjonijiet tad-Dinja (GEO). Il-Kummissjoni hija l-kopresident ewlioni fl-2021 ta' dan in-network globali fil-qasam tal-osservazzjoni tad-dinja. Il-GEO għandu l-kapaċità li jgħaqqa lill-istituzzjonijiet governattivi u akkademiċi, lill-fornituri tad-data, lin-negozji, lill-ingħiniera u liċ-ċittadini biex joħolqu soluzzjonijiet innovattivi bbażati fuq l-osservazzjoni tad-dinja għall-isfidi globali ambjentali, soċjali u tas-saħħa.

Il-Forum Internazzjonali dwar il-Bijoekonomija. Taħt il-kappa tal-istrateġija dwar il-Bijoekonomija, il-Kummissjoni se tistimola soċjetà aktar innovattiva, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva li tirrikonċilja s-sigurtà alimentari u nutrizzjonali mal-użu sostenibbli tar-riżorsi rinnovabbli għal skopijiet industrijali, filwaqt li tiżgura l-protezzjoni tal-ambjent. Fil-qafas tal-istrateġija tal-UE mill-Għalqa sal-Platt²⁷, il-Kummissjoni se trawwem kooperazzjoni fil-livell globali fir-riċerka agrikola dwar oqsma ta' prioritā bħas-saħħa tal-ħamrija²⁸, u s-sistemi tal-ikel²⁹ u se tivvaluta l-fattibbiltà ta' pjattaforma internazzjonali għax-xjenza tas-sistemi tal-ikel fid-dawl tas-Summit tan-NU tal-2021 dwar is-Sistemi tal-ikel.

²⁵ Il-Missjoni Innovazzjoni (<http://mission-innovation.net/>) hija inizjattiva globali mħabbra fl-2015 fis-COP21 li taħdem biex taċċellera l-innovazzjoni fl-enerġija nadifa. L-Unjoni Ewropea bħalissa għandha l-presidenza tal-kumitat ta' tmexxija tagħha.

²⁶ <http://mission-innovation.net/our-work/innovation-challenges/renewable-and-clean-hydrogen/>

²⁷ https://ec.europa.eu/food/farm2fork_mt

²⁸ Bl-istabbilit u bl-appoġġ tal-Konsorzi Internazzjonali tar-riċerka (IRCs) u l-partċipazzjoni tal-Kummissjoni fl-Alleanza Globali tar-riċerka dwar il-Gassijiet Serra Agrikoli.

L-UE tappoġġa kemm lill-**Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima** (IPCC) kif ukoll il-**Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi** (IPBES). Il-Kummissjoni beħsiebha turi l-ħidma tal-UE b'appoġġ għax-xjenza tal-klima fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP26), biex tenfasizza r-rwol tal-UE bħala faċilitatur ewljeni tat-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika u għar-reżiljenza għall-klima. L-UE jenħtieġ li tippromwovi sinerġji bejn l-IPCC u l-IPBES fid-dawl tal-interdipendenza bejn il-kriżijiet tat-tibdil fil-klima u tal-bijodiversità, filwaqt li tqis ukoll l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità għall-2030.

Il-Kummissjoni se tippromwovi wkoll il-ħidma tal-**Bord Internazzjonali tar-Riżorsi** (IRP), li hija kopresident tiegħu. Dan jipprovd pariri dwar l-effiċjenza fir-riżorsi u l-ekonomija ċirkolari, kruċjali għall-Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari (CEAP), biex titħaddem l-Alleanza Globali għall-Ekonomija Ċirkolari u l-Effiċjenza fir-Riżorsi³⁰ (GACERE) u tikkontribwixxi għall-ħidma tal-G7 u tal-G20.

Il-Bauhaus Ewropew Ġdid³¹ għandu l-ambizzjoni li jagħmel il-Patt Ekoloġiku Ewropew³² esperjenza kulturali, iċċentratu fuq il-bniedem, inklussiva u pożittiva u tanġibbli għal kulħadd u li jħaffef l-ekoloġizzazzjoni sostenibbli tal-ambjent mibni. Dan se jindirizza fil-livell lokali l-isfidi l-aktar urġenti kondiviżi fil-livell tal-UE u globali.

L-UE jenħtieġ li:

- tkompli ssahħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni tal-baħar permezz tal-Alleanza multilateral tar-Riċerka tal-Ocean Trans-Atlantiku, filwaqt li tibni fuq is-suċċessi tagħha, tiġibor ir-riżultati tagħha u ssahħħaħ id-dimensjoni tagħha bejn il-Pol tat-Tramuntana u l-Pol tan-Nofsinhar;
- tuża l-pożizzjoni ta' tmexxija tagħha fil-governanza tal-Missjoni Innovazzjoni biex issahħħaħ l-alleanza multilateral, billi tiffoka l-azzjonijiet ta' innovazzjoni internazzjonali fuq teknoloġiji u inizjattivi ta' enerġija innovattivi li juru tmexxija globali fuq ambizzjonijiet klimatiki u ambientali f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew

Il-Kummissjoni se:

- tappoġġa l-kooperazzjoni multilaterali dwar il-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni għal sistemi tal-ikel ġusti, tajbin għas-saħħa u li ma jagħmlux īxsara lill-ambjent, b'mod partikolari permezz tal-Forum Internazzjonali dwar il-Bijoekonomija, il-Konsorzi Internazzjonali tar-Riċerka u l-Alleanza Globali tar-Riċerka dwar il-Gassijiet Serra Agrikoli; kif ukoll
- fl-2022, permezz tal-inizjattiva Bauhaus Ewropew Ġdid, tistabbilixxi pjattaforma

²⁹ Ikel 2030: https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/research-area/environment/bioeconomy/food-systems/food-2030_en

³⁰ https://ec.europa.eu/environment/international_issues/gacere.html

³¹ https://europa.eu/new-european-bauhaus/index_mt

³² <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1596443911913&uri=CELEX:52019DC0640#>

internazzjoni għall-ġestjoni tal-għarfien li se xxerred l-informazzjoni dwar l-istandardi, il-gwida u l-opportunitajiet ta' finanzjament, u li se sservi bħala repożitorju tal-ideat u l-iskambji tal-aħjar prattiki, u tinvolvi ruħha fil-ġestjoni komunitarja.

4.2 Il-promozzjoni tat-tranżizzjoni diġitali

Il-Kumpass Diġitali tal-2030³³ se jiggwida l-isforzi tal-UE fit-trawwim ta' approċċi globali għall-iżviluppi teknoloġiċi u regolatorji ewlenin, inkluż fil-qasam tal-konnettività u tal-istandardi internazzjonali. L-UE jenħtieġ li trawwem approċċi internazzjonali għall-flussi tad-data fdata, filwaqt li tippromwovi l-mudell tagħha ta' internet globali sikur u reżiljenti u tfitteżx miri ambizzjużi f'termini ta' aċċess għas-suq. Il-kollaborazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni hija waħda mill-għodod biex jitrawmu sħubijiet diġitali mar-reġjuni madwar id-dinja. Is-sħubijiet diġitali internazzjonali jenħtieġ li jirriżultaw f'opportunitajiet akbar għall-kumpaniji tal-UE, żieda fil-kummer diġitali permezz ta' networks siguri, rispett tal-istandardi tal-UE u drittijiet u valuri fundamentali, u ambjent ta' appoġġ internazzjonali għal trasformazzjoni diġitali ċċentrat fuq il-bniedem.

Se jiġu promossi sħubijiet diġitali internazzjonali dwar is-suġġetti li ġejjin: (i) il-politika u r-regolamenti ċċentrat fuq il-bniedem; (ii) soluzzjonijiet adattati u mtejba għall-konnettività diġitali; (iii) sħubijiet imsaħħa għall-innovazzjoni mal-ekosistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni diġitali; (iv) enfasi u sħubijiet fir-riċerka msaħħha fuq teknoloġiji ewlenin bħall-Intelliġenza Artifiċjali, il-blockchain, l-internet tal-oġġetti, il-big data, id-data spazjali, applikazzjonijiet ta' teknoloġiji diġitali għal tranżizzjoni ekoloġika, is-saħħa u l-edukazzjoni. Pereżempju:

³³ *Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-Approċċi Ewropew għad-Deċennju Digħi* COM(2021) 118.

- task force konġunta dwar l-intelliġenċa artifiċjali mal-Indja biex tistabbilixxi bażi komuni għal kollaborazzjoni dwar każijiet spċifici ta' użu u dwar suġġetti bħar-riċerka u l-innovazzjoni dwar intelliġenċa u standardizzazzjoni artifiċjali etiċi;
- appoġġ għall-introduzzjoni tal-broadband fil-Balkani tal-Punent u fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, u proġetti ta' konnettività diġitali mal-pajjiżi tal-Viċinat Ewropew, l-Afrika, l-Amerka Latina, l-Indja u l-ASEAN, fost l-oħrajn biex jiġi appoġġat l-akkomunament tal-isforzi ta' riċerka u innovazzjoni;
- appoġġ għat-tnejda tal-komponenti tal-konnettività tal-Alleanza Diġitali mal-Amerka Latina u l-Karibew, li jibnu fuq il-konnessjoni tal-kejbil fibrottiku diretta bejn l-Amerka t'Isfel u l-Ewropa (il-kejbil BELLA);

Is-settur privat għandu rwol ewljeni fir-riċerka u l-innovazzjoni għat-tranżizzjoni diġitali. Dan sejkun assoċjat ma' inizjattivi strateġiċi biex jittejjeb l-għarfiex espert tal-UE f'diversi oqsma strateġiċi diġitali.

Is-ħubijiet diġitali internazzjonali³⁴ se joffru l-opportunità biex jitwettqu attivitajiet tar-riċerka konġunti, inkluż permezz ta' impriżi konġunti dwar kwistjonijiet industrijali, li se jappoġġaw it-tmexxija tal-UE f'teknoloġiji li qed jevolvu bħas-6G, jew l-użu tat-teknoloġija diġitali fil-ġliedha għall-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-isfidi ambjentali.

Is-ħubijiet Diġitali Internazzjonali fir-riċerka u fl-innovazzjoni se jiġu promossi wkoll permezz taċ-Ċentru ta' Żvilupp Diġitali 4³⁵ (iċ-Ċentru D4D), il-pjattaforma globali ta' diversi partijiet ikkonċernati tal-UE li tappoġġa trasformazzjoni diġitali ċċentrata fuq il-bniedem. Iċ-Ċentru tad-D4D jgħaqqa għadd kbir ta' inizjattivi diġitali u jippromwovi l-kombinazzjoni tar-riżorsi tal-UE, tal-Istati Membri, u tal-istituzzjonijiet finanzjarji permezz tal-approċċ Tim Ewropa għal impatt koordinat. Iċ-Ċentru D4D se jifformu fergħat reġjonali fl-Afrika, fl-Asja, fl-Amerka Latina u fil-Karibew, kif ukoll fil-Viċinat tal-Lvant tal-UE u jinkludi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha mir-reġjuni rispettivi.

L-UE jenħtieġ li:

- issaħħaħ l-attivitajiet ta' riċerka konġunti, inkluż permezz ta' impriżi konġunti dwar kwistjonijiet industrijali, biex tīgi appoġġata t-tmexxija tal-UE f'teknoloġiji li qed jevolvu bħas-6G jew it-teknoloġija diġitali fil-ġliedha kontra t-tibdil fil-klima u l-isfidi ambjentali;
- tibni sħubijiet diġitali internazzjonali b'saħħithom li jaqblu mal-erba' pilastri tal-Kumpass Diġitali tal-2030.

³⁴ https://ec.europa.eu/international-partnerships/topics/digital-partnerships_en

³⁵ https://ec.europa.eu/international-partnerships/news/team-europe-digital4development-hub-launched-help-shape-fair-digital-future-across-globe_en

4.3 It-tishih tal-kooperazzjoni dwar is-sahha globali

Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li l-UE u d-dinja jridu li jsaħħu b'mod sostanzjali t-tħejjija u r-reżiljenza soċjoekonomika tagħha għal xokkijiet relatati mas-saħħa u ta' xorta oħra. Fil-pajjiżi b'introjtu baxx u medju, kif ukoll f'ambjenti ta' kunflitt, il-pandemija enfasizzat ulterjorment il-ħtieġa li tissaħħaħ is-sistema tas-saħħa, u fakkret fil-ħtieġa ta' approċċ globali għas-sigurtà tas-saħħa. L-UE użat is-sħubijiet internazzjonali b'saħħithom tagħha biex taċċellera l-isforzi bil-għan li jingħe-leb il-virus billi varat ir-Rispons Globali għall-Coronavirus, li fil-kuntest tiegħu nġabru kważi EUR 16-il biljun f'impenji fuq livell globali, żviluppat il-Pjattaforma ta' *Data* dwar il-COVID-19³⁶, u ppubblifikat il-manifest għar-riċerka tal-COVID-19 tal-UE. Flimkien mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u s-sħab internazzjonali tagħha, l-UE kellha wkoll rwol ewlieni fl-istabbiliment tal-aċċess għall-Aċċeleratur tal-Ġħodod tal-COVID-19 (ACT-A) kif ukoll³⁷ għall-mekkaniżmu tal-COVAX³⁸. Dawn iż-żewġ inizjattivi għandhom l-għan li jwasslu għall-iżvilupp u għal distribuzzjoni ugħwali ta' dijanjostika, trattamenti u vaċċini sikuri u effettivi tal-COVID-19. Barra minn hekk, l-Istrateġja Farmaċewtika għall-Ewropa³⁹ hija mistennija li tkompli ssahħħaħ ir-rwol tal-UE fil-livell globali, bħala mexxejja fir-riċerka u l-innovazzjoni fis-saħħa, li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-pazjenti madwar id-dinja.

Filwaqt li tibni fuq dan is-suċċess u ssahħħaħ il-pożizzjoni ta' tmexxija tagħha, u flimkien mal-Italja bħala l-Presidenza tal-G20 fl-2021, il-Kummissjoni se torganizza summit globali dwar is-saħħa biex tevalwa r-rispons globali għall-pandemija tal-COVID-19, inkluż l-ACT-A, biex ittejjeb it-tħejjija u r-rispons għall-pandemija attwali u futuri potenzjali. Se jkollha wkoll l-għan li tiżviluppa u tapprova sett ta' prinċipji għal aktar kooperazzjoni multilaterali u azzjoni konġunta għall-prevenzjoni ta' kriżiżiet futuri tas-saħħa globali, u għal impenn konġunt biex tinbena dinja aktar f'saħħitha, aktar sikura, aktar ġusta u aktar sostenibbli.

F'dan ir-rigward, l-UE jenħtieġ li tippromwovi l-kooperazzjoni tal-provi tal-pjattaformi Ewropej iffinanzjati mill-UE mas-sħubijiet ta' ACT-A, b'mod partikolari biex jiġi żgurat skambju rapidu ta' evidenza klinika biex jiġu vvalutati l-kandidati terapewtiċi u tal-vaċċini. Dan se jtejjeb it-tħejjija biex jiġu indirizzati varjanti ġodda tal-virus u se jgħin biex jitwasslu malajr vaċċini u terapewtiċi effettivi f'konformità mal-istrateġja tal-UE għall-vaċċini tal-COVID-19⁴⁰ u l-istrateġja tal-UE dwar it-terapewtiċi tal-COVID-19⁴¹.

Fuq medda medja u twila ta' żmien, il-Kummissjoni se żżid l-impenji tagħha biex issaħħħaħ is-sistemi tas-saħħa, is-sigurtà tas-saħħa globali, iż-żżid l-aċċess għall-mediċini u għall-prodotti tas-saħħa, speċjalment permezz tar-riċerka, l-innovazzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet u l-appoġġ għall-produzzjoni lokali, b'innovazzjonijiet diġitali fil-qalba tal-istrateġja. Il-Kummissjoni se

³⁶ <https://joinup.ec.europa.eu/collection/digital-response-covid-19/news/european-covid-19-data-platform>

³⁷ <https://www.who.int/initiatives/act-accelerator>

³⁸ <https://www.who.int/initiatives/act-accelerator/covax>

³⁹ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/human-use/docs/pharma-strategy_report_en.pdf

⁴⁰ COM(2020) 245 final.

⁴¹ COM(2021) 355 final.

tiffoka l-isforzi fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni fuq mard u suġġetti ta' piż kbir, bħall-mard komunikabbi u mhux komunikabbi jew is-saħħha tal-ommijiet u tat-tfal.

Il-Kummissjoni se tibni fuq alleanzi globali fis-saħħha li diġà tnedew jew li ngħaqdet magħħom tul dawn l-aħħar snin f'setturi ewlenin bħall-mard rari⁴², il-mard kroniku mhux komunikabbi⁴³, ir-reżistenza għall-antimikrobici⁴⁴, u l-mediċina personalizzata⁴⁵. Hija pproponiet ukoll l-appoġġ għal Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw (EDCTP) bil-għan li jitnaqqas il-piż individwali, soċjali u ekonomiku ta' mard infettiv relatat mal-faqar fl-Afrika sub-Saħarjana; tappoġġa r-riċerka dwar tifqigħat sinifikanti ta' mard infettiv⁴⁶; u l-iżvilupp ta' vaċċini kontra mard infettiv emerġenti u l-aċċess għalihom⁴⁷.

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, tipparteċipa wkoll b'mod attiv fl-inizjattivi li jipprovdu orjentazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet strateġiċi, li jrawmu skambji u kooperazzjoni fost ir-regolaturi globali tar-riżultati tar-riċerka farmaċewtika⁴⁸.

Dawn is-sħubijiet internazzjonali se jissaħħu, bl-involviment, kif xieraq, tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha u ta' atturi oħra globali tas-saħħha.

Il-Kummissjoni se:

- tikkontribwixxi għall-ägeġenda fuq perjodu ta' żmien medju u twil dwar is-sigurtà tas-saħħha, it-tħejjija u t-tishħiħ tas-sistema tas-saħħha;
- tippromwovi l-kooperazzjoni ta' provi ta' pjattaformi Ewropej iffinanzjati mill-UE bis-sħubijiet tal-Aċċeleratur tal-Aċċess għall-Għodod kontra l-COVID-19 (ACT-A) u ssegwi l-objettivi tal-ACT-A billi ttejjeb l-aċċess għall-prodotti tal-mediċina u tas-saħħha, b'mod partikolari permezz tar-riċerka, tal-innovazzjoni, tal-iżvilupp u tal-promozzjoni ta' għodod diġitali tas-saħħha u żżid il-kapaċità tal-produzzjoni lokali fil-pajjiżi sħab; kif ukoll
- tappoġġa l-istabbiliment ta' impriża konġunta tas-saħħha globali fl-ambitu tas-Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw, li fiha l-UE tissieħeb mal-Istati Membri, mal-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa u mal-pajjiżi

⁴² Il-Konsorzu Internazzjonali għar-Riċerka dwar Mard Rari: <https://irdirc.org/about-us/vision-goals/>

⁴³ L-Alleanza Globali għall-Mard Kroniku: <https://www.gacd.org/>

⁴⁴ L-Inizjattiva għall-Ipprogrammar Konġunt dwar ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi - Sħubija dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi "Saħħha Waħda": <https://www.jpiamr.eu/>

⁴⁵ Il-Konsorzu Internazzjonali għall-Mediċina Personalizzata: <https://www.icpermed.eu/>

⁴⁶ Il-Kollaborazzjoni Globali ta' Riċerka għat-Tħejjija għall-Mard Infettiv: <https://www.glopid-r.org/>

⁴⁷ Il-Koalizzjoni għall-Innovazzjoni fit-Tħejjija għall-Epidemiji: <https://cepi.net/>

⁴⁸ Koalizzjoni Internazzjonali tal-Awtoritajiet Regulatorji tal-Mediċini: <http://icmra.info/>

4.4 Il-Promozzjoni tal-Innovazzjoni

Bil-konnettività u bil-litteriżmu diġitali dejjem jiżdiedu, l-innovaturi fil-livell taċ-ċittadini qed jitfaċċaw kullimkien madwar id-dinja, minn bliet kbar sa żoni rurali remoti; huma jinteraġixxu, jikkondividu u joħolqu flimkien soluzzjonijiet fl-oqsma kollha biex jindirizzaw l-isfidi globali. Sabiex trawwem u tisfrutta dan il-potenzjal enormi, u tappoġġa l-Istrateġija tal-UE dwar il-Konnettività⁴⁹, l-UE jenħtieġ li tistabbilixxi sħubijiet fl-innovazzjoni internazzjonali ta' benefiċċju għal kulħadd, li jikkonsistu f'networks ta' inkubaturi u aċċelleraturi, ma' pajjiżi u reġjuni li joffru trasparenza reċiproka għall-intraprenditorija u għall-investiment. Dawn, fost affarrijiet oħra, jenħtieġ li jrawmu l-ħolqien ta' programmi soft-landing⁵⁰ u kollaborazzjonijiet tal-bidu bejn l-UE u pajjiżi terzi, u b'hekk jikkomplementaw id-dimensjoni internazzjonali tal-inizjattivi tas-Sħubijiet tal-Cluster Ewropew⁵¹ ta' Startup Europe⁵² u n-network taċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Digidali tal-UE. Filwaqt li jikkomplementaw l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, dawn is-sħubijiet se jippromwovu wkoll il-mobilità tal-innovaturi fiż-żewġ direzzjonijiet. Diġà operattivi fl-Indja u fl-Afrika, il-Kummissjoni qed tiproponi li tespandihom lejn reġjuni oħra.

Sabiex l-innovaturi Ewropej jiġu mħeġġin aktar biex jisfruttaw l-ekosistema tal-innovazzjoni globali, is-servizzi ta' aċċellerazzjoni tan-negozju tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) se joffru lill-kumpaniji Ewropej ġonna u li qed jespandu li huwa jappoġġa l-opportunità li jattendu fieri kummerċjali internazzjonali. B'mod parallel, sabiex tiżdied l-attraenza u l-kapaċita tal-innovazzjoni tal-UE, l-innovaturi barranin li jixtiequ jistabbilixxu negozji ġonna fl-UE se jkunu jistgħu japplikaw għall-appoġġ tal-EIC. Barra minn hekk, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) se jniedi, f'pajjiżi terzi mmirati, azzjonijiet koordinati tal-komunitajiet tal-għarfien u tal-innovazzjoni tiegħu

5. IL-MODULAZZJONI TAL-KOOPERAZZJONI MAL-PAJJIŻI U MAR-REĠJUNI TA' PRIJORITÀ

L-UE jenħtieġ li timpenja ruħha ma' pajjiżi terzi f'approċċ varjat u modulat, ibbażat fuq livelli ta' reċiproċità, kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, u r-rispett għad-drittijiet fundamentali u għall-valuri kondiviżi. L-UE jenħtieġ li tibqa' sieħba b'saħħitha u miftuħa, filwaqt li tfitteż li ttejjeb, permezz ta' kooperazzjoni mmirata sew, l-għarfien espert tagħha stess f'oqsma emerġenti ewlenin. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tfassal b'mod konġunt inizjattivi biex jiġu appoġġati l-pajjiżi li jixtiequ jtebu l-ekosistemi tar-riċerka u tal-innovazzjoni tagħhom.

⁴⁹ JOIN (2018) 31.

⁵⁰ Is-soft-landing huwa programm imfassal apposta biex jgħin lin-negozji ġonna u lin-negozji li qed jespandu biex jesploraw ekosistema ġidida.

⁵¹ <https://clustercollaboration.eu/find-partners/beyond-europe>

⁵² <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/startup-europe/>

5.1 It-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi industrijalizzati u ma' ekonomiji emerġenti

Filwaqt li ħafna mill-kooperazzjoni ma' pajjiżi speċifiċi se ssir fi sħubijiet globali multilaterali, l-UE jenħtieġ li tfittex ukoll li ssaħħa il-kooperazzjoni bilaterali biex ittejjeb l-għarfien u tiġġor flimkien ir-riżorsi, speċjalment f'oqsma ta' interessa għall-UE.

L-Istati Uniti. Il-kooperazzjoni mal-Istati Uniti, li magħhom l-UE tikkondividli livelli għoljin ta' kapaċità ta' riċerka u innovazzjoni kif ukoll valuri u prinċipji komuni, tiżgura li r-riċerkaturi, l-innovaturi u l-aħjar faċilitajiet ikunu kkombinati fit-fidu kollha għal soluzzjonijiet għall-isfidi globali. B'mod partikolari, l-impenn mill-ġdid tal-Istati Uniti għall-għanijiet klimatiċi u għat-tisħiħ tal-ordni multilaterali jipprovd i-l-opportunità għal relazzjoni mgħedda fir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-Komunikazzjoni Konġunta “Aġenda ġdida bejn l-UE u l-Istati Uniti għall-bidla globali”⁵³ tistabbilixxi għadd ta' proposti għal kooperazzjoni mal-Istati Uniti, u b'mod partikolari sejħa biex tiġi ffurmata Alleanza Teknoloġika Ekoloġika u jiġi stabbilit Kunsill Kummerċjali u Teknoloġiku ġdid bejn l-UE u l-Istati Uniti. Filwaqt li tibni fuq dan it-test, il-Kummissjoni tiproponi wkoll li tiżdied ir-reċiproċità fil-kooperazzjoni bilaterali, u li jiżdiedu l-livelli ta' koordinazzjoni u koerenza bejn l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE u tal-Istati Uniti, l-ewwel fl-isfidi tal-klima, diġitali, tal-enerġija, ambientali u tas-saħħa.

L-UE jenħtieġ li tfittex ukoll li ttejjeb il-kooperazzjoni tagħha mas-setgħat xjentifiċi ewlenin bħall-**Kanada, il-Ġappun, il-Korea t’Isfel, Singapore, l-Australja u New Zealand**, inkluż billi tesplora possibbiltajiet ġodda għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bħall-assoċjazzjoni fl-ambitu ta’ Orizzont Ewropa.

Iċ-Ċina. Bħala ċentru għar-riċerka u l-innovazzjoni, iċ-Ċina hija sieħba għall-UE fl-indirizzar tal-isfidi globali. Fl-istess ħin, il-pożizzjoni taċ-Ċina bħala kompetitur ekonomiku u rivali sistemiku għall-UE titlob riekwilibju tal-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni. L-UE nediet diskussjonijiet maċ-Ċina dwar pjan direzzjonali konġunt biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ta’ qafas miftiehma u prinċipji ta’ gwida għall-kooperazzjoni biex jintlaħqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta’ kompetizzjoni u reċiproċità, filwaqt li jiġu rispettati l-valuri fundamentali, standards għoljin ta’ integrità etika u xjentifika. Fuq din il-bażi, hija se tidentifika wkoll l-oqsma ta’ riċerka li fihom il-kooperazzjoni tista’ tkun ta’ benefiċċju reċiproku, bħax-xjenza tal-klima u l-protezzjoni tal-bijodiversità, l-ekonomija ċirkolari, issaħħa, l-ikel, l-agrikoltura, l-akkwakultura, u l-osservazzjoni tal-oċeani. L-ilħuq ta’ kundizzjonijiet ekwivalenti ta’ kompetizzjoni u reċiproċità sejkun soġġett għall-iżvilupp ta’ kooperazzjoni maċ-Ċina.

L-UE qed tiffinanzja network ta’ għarfien tal-UE dwar iċ-Ċina biex tindirizza r-riċerka u l-innovazzjoni, li jlaqqa’ flimkien lill-Istati Membri u lill-UE biex jiddiskut u jikkondividu l-aħjar prattiki u strategi u jaqblu dwar approċċ komuni. Fl-istess ħin, l-UE jenħtieġ li tieħu miżuri biex tisfrutta l-potenzjal ġdid taċ-Ċina fir-riċerka u l-innovazzjoni. Hija jenħtieġ li

⁵³ JOIN(2020) 22 final.

tinkoraġġixxi lill-universitajiet u lill-istituzzjonijiet tar-riċerka biex jiżguraw livell ogħla ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku fil-kooperazzjoni tagħhom mal-kontropartijiet Ċiniżi.

L-Indja. F'konformità mal-*Isħubija Strateġika bejn l-UE u l-Indja: Pjan direzzjonali għall-2025*, il-kooperazzjoni mal-Indja se tissaħħa biex jiġu indirizzati flimkien l-isfidi globali u l-modernizzazzjoni sostenibbli. Il-kooperazzjoni dwar il-kura tas-saħħha, inkluża r-reżiljenza għall-kriżijiet tas-saħħha, l-azzjonijiet fuq ekoloġizzazzjoni ġusta tal-ekonomija u l-impenn kontinwu għal diġitalizzazzjoni ċċentrat fuq il-bniedem kollha se jitqiesu bħala prioritat jiet. Se tiġi kkunsidrata wkoll il-kooperazzjoni li tirfed is-ħubija għall-Konnettività bejn l-UE u l-Indja⁵⁴, b'enfasi fuq il-mobilità tar-riċerkaturi u l-innovaturi, u l-Istrateġija Indo-Paċifika, permezz ta' azzjonijiet fuq l-ekonomija blu bħall-iskart fil-baħar.

Ir-Russja. Il-kooperazzjoni tal-UE mar-Russja hija bbażata fuq il-ħames prinċipji miftiehma għall-impenn stabbilit mill-Kunsill, b'mod partikolari, fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, u fuq ix-xewqa li jinżammu kuntatti bejn in-nies. Hijha tqis il-prioritajiet u l-interessi tal-politika tal-UE, il-ħtieġa ta' aktar reċiproċità u kundizzjonijiet ewkwalenti ta' kompetizzjoni, u r-rispett tad-drittijiet u l-valuri fundamentali.

5.2 L-integrazzjoni tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-EFTA, il-Balkani tal-Punent, it-Turkija, il-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Renju Unit

L-UE jenħtieġ li tagħti priorità partikolari lis-sħab fil-viċinat immedjet tagħha, inkluż permezz ta' assoċjazzjoni ma' Orizzont Ewropa.

Il-Pajjiżi taż-ŻEE/tal-EFTA. Il-pajjiżi taż-ŻEE/tal-EFTA jikkondividu l-valuri tal-UE u jaġħtu kontributi importanti lix-xenarju Ewropew tar-riċerka u l-innovazzjoni. Huma jappoġġaw l-eċċellenza b'investimenti kbar f'organizzazzjonijiet tar-riċerka kklassifikati fuq livell globali, jikkooperaw fi proġetti kollaborattivi, u minħabba l-livell ta' integrazzjoni tagħhom mal-UE, jirċievu u jibagħtu numru kbir ta' riċerkaturi u innovaturi mill-UE u lejn l-UE.

Il-Balkani tal-Punent u t-Turkija. It-trawwim tal-istabbiltà u tal-prosperità ta' pajjiżi kandidati u ta' pajjiżi potenzjalment kandidati jibqa' priorità ewlenja tal-UE. L-UE hija b'mod partikolari impenjata li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' aġenda ta' innovazzjoni ddedikata għall-Balkani tal-Punent⁵⁵, inkluż fil-qafas tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent⁵⁶. Il-parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE hija element importanti tal-integrazzjoni tat-Turkija fil-politiki u fl-għodod tal-UE fejn huwa fl-interess reċiproku u f'konformità mal-progress fil-qafas ġenerali tar-relazzjonijiet tagħha mal-UE.

⁵⁴ Immedija fil-Laqgħa tal-Mexxejja bejn l-UE u l-Indja, fit-8 ta' Mejju 2021 - [L-
<https://www.consilium.europa.eu/media/49516/eu-india-connectivity-partnership-8-may-2.pdf>](https://www.consilium.europa.eu/media/49516/eu-india-connectivity-partnership-8-may-2.pdf)

⁵⁵ Għandu jintlaħaq qbil dwarha fil-Laqgħa ministerjali f'Mejju 2021.

⁵⁶ *Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent COM(2020) 641 final.*

Is-Sħubija tal-Lvant u l-Viċinat tan-Nofsinhar. F'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta dwar is-Sħubija tal-Lvant⁵⁷, ir-riżultati finali tas-Sħubija tal-Lvant ta' wara l-2020 jenħtieġ li jidentifikaw l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni għas-snин li ġejjin. Is-sħubija tal-UE mal-Viċinat tan-Nofsinhar⁵⁸, ibbażata fuq is-Sħubija Mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tagħha, hija strumentali għall-promozzjoni tat-tkabbir u tal-prosperità permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni. Il-kooperazzjoni internazzjonali tappoġġa t-trasferiment tat-teknoloġija, l-innovazzjoni u r-riċerka kollaborattiva, u twassal għal tkabbir aktar reżiljenti u inklużiv, il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg sostenibbli, soċjetà u ekonomija tal-għarfien u titjib ambjentali permezz ta' inizjattivi bħall-BlueMed⁵⁹.

Ir-Renju Unit. Il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit f'Orizzont Ewropa se tippermettilu jżomm rabtiet b'saħħithom mal-UE dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jibni fuq valuri komuni u fuq l-istorja twila tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi qafas tar-riċerka u l-innovazzjoni u fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

5.3. L-approfondiment tas-sħubijiet tal-UE mal-Afrika, mal-Amerika Latina u ma' reġjuni u pajjiżi oħra

L-approċċ modulat se jagħti attenzjoni speċjali lill-kooperazzjoni mal-Afrika, filwaqt li jibni fuq il-kooperazzjoni eżistenti ma' reġjuni u ma' pajjiżi oħrajn⁶⁰.

L-Afrika. F'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta “Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika”⁶¹, l-UE tfittekk li ttejjeb il-kooperazzjoni tagħha mal-Afrika fir-riċerka u l-innovazzjoni. L-użu effettiv tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-innovazzjonijacċelera l-iżvilupp sostenibbli u inklużiv u t-tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji bbażati fuq l-ħarfien, isaħħaħ il-kapital uman b'mod partikolari permezz tal-mobilità u t-taħriġ tal-akkademiċi u tar-riċerkaturi. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, li l-urġenza tagħhom żidet minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-UE tipproponi sensiela ta' inizjattivi reġjonalni ambizzjużi.

Il-Kummissjoni, f'ħidma mill-qrib mal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, tipproponi l-implimentazzjoni ta' sensiela ta' inizjattivi fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa li jikkostitwixxu “Inizjattiva għall-Afrika” komprensiva u ambizzjuża. Dan se jappoġġa l-ftehim milħuq fil-Laqgħa ministerjali ta' Lulju 2020 tad-Djalogu ta' Politika ta' Livell Għoli dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni bejn l-UE u l-Afrika. Jenħtieġ li jiġu appoġġati erba' pilastri ta' kooperazzjoni: (i) Is-saħħha pubblika, inkluż ir-reżiljenza u t-tħejjija għall-pandemiji⁶²; (ii) It-

⁵⁷ *Il-politika tas-Sħubija tal-Lvant lil hinn mill-2020: It-Tiġiha tar-Reżiljenza - Sħubija tal-Lvant li tikseb riżultati għal kulħadd* (JOIN(2020) 7).

⁵⁸ *Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar - Agħenda Ġdida għall-Mediterran* (JOIN(2021) 2).

⁵⁹ [Inizjattiva BlueMed \(bluemed-initiative.eu\)](http://bluemed-initiative.eu).

⁶⁰ L-opportunitajiet ta' kooperazzjoni fir-riċerka se jkomplu ma' reġjuni u pajjiżi oħrajn mhux imsemmija speċifikament hawn taħt.

⁶¹ *Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika* (JOIN(2020) 4).

⁶² Permezz tas-Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw u l-impriżza konguña għas-saħħha globali proposta.

tranżizzjoni ekoloġika⁶³; (iii) L-innovazzjoni u t-teknoloġija għall-ħolqien tal-impjiegji⁶⁴; u (iv) Il-kapaċitajiet għax-xjenza u l-edukazzjoni għolja⁶⁵, b'mod partikolari għan-nisa u ż-żgħażagħ.

Barra minn hekk, Aġenda tal-Innovazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana jenħtieġ li tappoġġa t-trasformazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni fi prodotti u servizzi b'impatt konkret, permezz ta' diversi miżuri li jtejbu l-iżvilupp tan-negozju u l-aċċess għall-finanzi għall-innovaturi.

Il-priorità mogħtija lill-kooperazzjoni mal-Afrika, tinkludi l-kooperazzjoni bilaterali li ilha teżisti mal-Afrika t'Isfel⁶⁶, u tiġi parallela mal-UE li tkompli s-sħubijiet tagħha ma' partijiet oħra tad-dinja li jikkombinaw ir-riżorsi tal-UE, tal-Istati Membri, u tal-istituzzjonijiet finanzjarji permezz ta' inizjattivi ta' Tim Ewropa.

L-Amerka Latina u l-Karibew (ALK). Il-Kummissjoni se tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Strateġiku tal-UE-CELAC dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni⁶⁷, ibbażat fuq erba' linji ewlenin ta' kooperazzjoni mar-reġjun, li jiffokaw fuq (i) l-isfidi globali, (ii) il-mobilità tar-riċerkaturi, (iii) l-infrastrutturi tar-riċerka u (iv) l-innovazzjoni. Jenħtieġ li jkun hemm impenn aktar b'saħħtu mal-Brażil, mal-Messiku, mal-Argentīna, maċ-Ċili u ma' sħab oħra tal-UE fir-reġjun, f'oqsma bħat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, is-saħħha, jew l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet komuni għal ir-kupru sostenibbli. Kollaborazzjoni dejjem tiżdied mal-Programm Spazjali tal-UE u maċ-ċentri l-ġoddha ta' Copernicus u ta' Galileo fl-ALK sejkollhom rwol ewlieni fl-ixprunar tal-innovazzjoni u r-riċerka fir-reġjun.

L-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN). Il-kooperazzjoni reġjonali mal-ASEAN se tissahħħa permezz tal-appoġġ tal-UE għall-kooperazzjoni u għall-mobilità fir-riċerka u l-innovazzjoni intra-ASEAN fl-ambitu tad-Djalogu ASEAN-UE dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija.

⁶³ Inkluż permezz tas-sħubijiet bejn l-UE u l-UA dwar is-Sigurtà Alimentari u Nutrizzjonal u l-Agrikoltura Sostenibbli, dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Enerġija Sostenibbli u dwar Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli.

⁶⁴ Pereżempju permezz tas-Sħubija għall-Innovazzjoni bejn l-Afrika u l-Ewropa.

⁶⁵ Inkluż permezz tal-appoġġ tax-xjenza għat-tfassil tal-politika, għall-promozzjoni tax-xjenza miftuħa, u għall-programm pilota tal-Inizjattiva ta' Riċerka Afrikana għall-Eċċellenza Xjentifika.

⁶⁶ Ftehim dwar is-Sajd u t-Teknoloġija mal-Afrika t'Isfel.

⁶⁷https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/research_and_innovation/strategy_on_research_and_innovation/documents/eu-celac_strategic-roadmap-2021-2023.pdf

L-UE jenħtieġ li:

- tfittex li taqbel fuq il-Pjan Direzzjonalni Konġunt bejn l-UE u ċ-Ċina dwar il-futur tal-kooperazzjoni fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u reċiproċità bħala prekundizzjoni għall-kooperazzjoni futura; kif ukoll
- timplimenta l-Pjan Direzzjonalni Strateġiku tal-Pjan ta' Azzjoni UE-CELAC dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni (2021-2023) u tappoġġa d-djalogu ASEAN-UE dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija.

Il-Kummissjoni se:

- tiżviluppa azzjonijiet ta' kooperazzjoni internazzjonali selettivi u mmirati f'sejħiet għal proposti f'oqsma ta' interess reċiproku fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa u, fejn ġustifikat u fuq bażi ta' każ b'każ, tisfrutta l-opportunitajiet għal assoċjazzjoni ma' Orizzont Ewropa, filwaqt li tiżgura r-reċiproċità, il-kisbiet reċiproċi u r-rispett tal-valuri fundamentali; kif ukoll
- tiżviluppa pjanijiet strateġiċi ta' riċerka u innovazzjoni għall-Afrika, li jorbtu l-ipprogrammar tal-Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali ma' Orizzont Ewropa, u fl-2021 tniedi "Inizjattiva għall-

6. KONKLUŻJONI

Sabiex tappoġġa l-objettiv ta' UE aktar b'saħħitha fid-dinja, l-UE jenħtieġ li tistinka biex twettaq dan l-approċċ globali f'koordinazzjoni mill-qrib mal-istrateġiji tal-Istati Membri, bl-użu tal-Forum taż-ŻER għat-Tranżizzjoni kif xieraq. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implementazzjoni tal-azzjonijiet stabiliti f'din il-Komunikazzjoni u se tevalwa l-kontribut tagħhom għall-objettivi tal-Approċċ Globali, filwaqt li tqis il-parametri referenzjarji bħall-volum ta' investimenti internazzjonali mobilizzat fir-riċerka u l-iżvilupp f'kooperazzjoni multilaterali, l-għadd ta' kopubblikazzjonijiet xjentifiċċi internazzjonali u l-progress fir-reċiproċità reċiproka fl-aċċess għal programmi ta' riċerka u żvilupp iffinanzjati pubblikament. L-ewwel rieżami tal-progress se jsir f'konferenza internazzjonali li se tīgi organizzata fl-2022. Din se tīgi segwita minn rapporti biennali mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li se jissostitwixxu r-rapporti ta' implementazzjoni u l-pjanijiet direzzjonalni speċifiċi bbażati fuq il-pajjiżi ppreżentati fil-Komunikazzjoni tal-2012 dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni⁶⁸.

Id-dinja tagħna li qed tinbidel b'rata mgħaġġla tqis ix-xjenza u t-teknoloġija bħala xprunaturi u faċilitaturi ewlenin tal-politika barranija iżda dawn jitqiegħdu wkoll fil-qalba tat-tensionijiet ġeopolitiċi. Dan jitlob kooperazzjoni aktar profonda abbażi tat-trasparenza, kundizzjonijiet

⁶⁸ COM/2012/0497 final.

ekwivalenti ta' kompetizzjoni u r-rispett tad-drittijiet u tal-valuri fundamentali u l-apoġġ għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE. L-approċċ globali l-ġdid għar-riċerka u l-innovazzjoni, kif ippreżentat f'din il-Komunikazzjoni, se jsahħħa il-kapaċità globali biex jinstabu soluzzjonijiet għall-isfidi komuni li qed tħabbat wiċċha magħhom l-umanità u se jsahħħa l-influwenza pożittiva tal-UE fid-dinja.